# IL-MADONNA TAZ-ZUNTIER JEW IL-KAPPELLA TAL-GĦADAM

Waħda mill-għeġubijiet fuq din il-gżira li t-turisti jieħdu gost jaraw (meta juruhielhom) hija "*Il-kappella tal-għadam*" Din il-kappella tinsab in-naħa tal-punent tal-Port tagħna, ma' ġenb il-fortezza ta' Sant'Jermu.

Fil-qedem din kienet zuntier fejn kienu jindifnu s-suldati Maltin u l-Kavalieri waqt it-taqtigħa mat-Torok fl-Assedju il-Kbir.

Fl-1619, il-Kmandant G. Nibbia bena fuq iz-zuntier kappella żgħira, li huwa ddedika lil l-"ISEM IMQADDES TA' MARIJA", imma li aħna l-koll nafu taħt l-isem tal-MADONNA TAZ-ZUNTIER. Iz-zuntier jinsab fil-biċċa warranija tal-kappella.

Għall-ħabta ta' l-1850 qalgħu l-għadam kollu, biex jidfnuh band'oħra; imma nqala' qassis, li talab biex bil-għadam hu kien fi ħsiebu jirranġa l-kappella; ma qalulux "le" u l-qassis bil-għerf, bis-sabar, biddel dik il-kappella f'xi ħaġa tal-waħx, ta' skiet donnha tas-saltna tal-mewt ! !

Meta dħalt l-ewwel darba ġewwa l-kappella ma nistâx ingħid x'laqatni l-aktar, jew is-skiet u l-misteru tal-lok, jew ix-xogħol ta' mużajk b'dawk ir-rjus ta' mewt iħarsu kollha lejk: ma nistâx ingħid kienx biża' jew għaġeb : biża' għall-mewt li narawha u ma narawhiex, avvolja qegħdin quddiemha, jew għaġeb għal kif kien irranġat il-għadam.

Fin-nofs tal-kappella hemm artal li kellu kitba bil-latin, li tgħid :—

**Id-dinja kollha ma hix ħlief teatru**
**u l-ħajja tal-bniedem traġedja weħedha**
**Kollox ċajta, kollox ħrafa:**
**Il-mewt biss hija vera**
**Hija tikxef kollox.**
**Inti li għadek fuq wiċċ l-art aħsibha tajjeb;**
**Itlob għal dawna li għadamhom jinsab hawn.**
**Itlaq bil-paċi u ftakar dejjem li għandek tmut.**

Fuq fond miżbugħ iswed, tirkaċċa Madonna bajda, li qegħda żżomm il-bambin, ġewwa nkwatru li huwa rranġat bir-rjus ta' mejtin u b'għadam ieħor twil.

Ma' ġenb l-artal hemm żewġ niċeċ: f'waħda minnhom xiħ b'minġel f'idu (iż-żmien li spiċċa ! ).

Jista' wieħed joħroġ bil-paċi minn dak il-lok ? Għal l-ewwel darba lili għamilli bħal diqa ta' qalb, u dak il-għadam ma nafx kemm dam quddiemi !

**B.**